



Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2019/2097(DEC)

21.1.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2018 (2019/2097(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Roberta Metsola

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq fuq il-punt li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) ("l-Aġenzija") toffri kontribut importanti għal Ewropa aktar sikura, u dan billi tipprovd servizzi ta' kwalità għolja u tgħin biex il-kapaċitajiet teknoloġiċi tal-Istati Membri jiġu allinjati mal-ħtiġijiet tagħhom;
2. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") ddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha u li l-pożizzjoni finanzjarja tagħha sal-31 ta' Diċembru 2018 hija rappreżentata b'mod ġust; jenfasizza li fl-2018 il-baġit tal-Aġenzija żdied minn EUR 79 miljun għal EUR 97 miljun (żieda ta' 22 %) filwaqt li l-personal tagħha tela' minn 152 għal 162 (żieda ta' 6 %);
3. Jinnota l-implementazzjoni verament baxxa tal-baġit tal-Aġenzija fl-2018, bi kważi 25 % (EUR 49 miljun) ta' approprjazzjonijiet ta' impenn li ġew riportati u 76 % (EUR 74 miljun) ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati; jirrikonoxxi li din is-sitwazzjoni seħħet minħabba raġunijiet li l-Aġenzija ma kellhiex kontroll fuqhom, jiġifieri l-adozzjoni tardiva jew id-dħul fis-seħħ tardiv ta' ċerti atti ġuridiċi; jemmen, madankollu, li l-kapaċită ta' assorbiment aktar baxxa kellha tkun antiċipata u għaldaqstant jistieden lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni biex, fil-futur, iteċċbu l-ippjanar baġitarju inkluż billi jikkonsultaw mill-qrib mal-Aġenzija fit-tħejjija ta' atti ġuridiċi ġodda;
4. Jisħaq fuq il-punt li l-prattika attwali li biha l-Aġenzija tista' tirrekluta biss il-personal meħtieġ għall-implementazzjoni ta' att legali ladarba dak l-att ikun fis-seħħ tirrestrinġi l-kapaċitajiet tat-tim ewlieni tal-Aġenzija u għaldaqstant iġġorr ir-riskju li l-Aġenzija ma tkunx tista' żżomm prestazzjoni tajba fl-attivitajiet ta' kuljum tagħha; jinnota li l-Qorti identifikat tendenza orizzontali fost l-aġenziji fir-rigward tal-użu ta' personal estern impiegat fi rwoli ta' konsulenza tal-IT; jitlob li d-dipendenza tal-Aġenzija fuq ir-reklutaġġ estern f'dan il-qasam tiġi indirizzata fid-dawl tar-responsabbiltà li għandha għal sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tawtorizza l-antiċipazzjoni ta' wħud mill-membri tal-personal previsti fl-ambitu ta' proposta għal att legali biex tippermetti lill-Aġenzija tħejji x-xogħol meħtieġ għall-implementazzjoni ta' dak l-att legali;
5. Ifakk, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li din l-Aġenzija tindirizza l-interoperabbiltà ta' data sensitiva, l-importanza tal-ġestjoni tad-data u s-servizzi ta' pproċessar u l-ħtieġa li dawn is-servizzi jiġu internalizzati; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-protezzjoni u l-kunfidenzjalità ta' tali data, u r-riskji potenzjali li tinvolvi s-sistema esterna ta' ġestjoni tas-servizzi tal-IT attwali;
6. Jieħu nota ta' diversi difetti li identifikat il-Qorti b'rabta mal-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku; jiddispjaċi mill-fatt li n-nuqqasijiet relatati ma' kuntratt qafas għall-implementazzjoni ta' ġebek.

"manutenzjoni korrettiva fil-funzionament tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen" wasslu għal pagamenti irregolari li jammontaw għal EUR 759 000; jiddeplora l-fatt li l-Qorti identifikat aktar nuqqasijiet fil-kwalità, il-kompletezza u l-konsistenza tal-informazzjoni relatata ma' dak il-kuntratt; jieħu nota tat-tweġiba tal-Aġenzija li l-pagamenti irregolari kienu meħtieġa biex hi tikkonforma mal-obbligu legali tagħha li tiżgura li tkompli l-manutenzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fid-dawl tal-fatt li għet ittarġodha t-tnejja tħalli minnha; jilqa' l-istruttura organizzattiva l-ġdidha stabbilita mill-Aġenzija biex issaħħaħ il-kapaċitajiet meħtieġa għall-ippjanar operattiv u l-akkwist assoċjat, inkluż l-għoti ta' input legali u tekniku, iżda jappella biex isiru aktar sforzi sabiex jiġu żgurati l-konformità mar-regoli tal-akkwist u rappurtar aktar preċiż; jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti li l-Aġenzija jaf tikkunsidra li tuża l-metodoloġija tal-International Function Point Users Group (IFPUG), metodoloġija standard biex tiddetermina l-prezz tal-attività jekk għall-iżvilupp;

7. Jilqa' l-progress li sar rigward ir-rakkmandazzjonijiet tal-Qorti meta mqabbel mas-snin preċedenti; jinnota, madankollu, li l-Aġenda għadha ma tippubblikax l-avviżi ta' postijiet battala fuq is-sit web tal-Ufficċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO); jistieden, għaldaqstant, lill-Aġenzija tieħu passi biex tiżgura l-pubblikazzjoni ta' postijiet battala permezz tas-sit web tal-EPSO; jinnota li l-bini l-ġdid fi Strasburgu tlesta; jenfasizza l-fatt li l-kontinwitā tal-operazzjonijiet m'għadhiex mhedda min-numru żgħir ta' persunal f'unitajiet operattivi ewlenin.
8. Jinnota li, b'rabta mal-proċeduri dwar l-akkwist elettroniku, l-Aġenzija introduċiet il-fatturar elettroniku u s-sejħiet għall-offerti elettroniċi għal ċerti proċeduri, iżda jinnota madankollu li l-introduzzjoni tas-sottomissjoni elettronika ta' offerti għadha ma ġietx konkluża;
9. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi pprovduta data bbażata fuq is-sessi sabiex tkun tista' tigħi analizzata l-evoluzzjoni tal-bilanç bejn is-sessi fost il-membri tal-persunal tal-Aġenzija u fil-korpi governattivi tagħha.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	13.1.2020	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	50 5 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Saskia Bricmont, Damien Carême, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Clare Daly, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Assita Kanko, Fabienne Keller, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Roberta Metsola, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Kostas Papadakis, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Tineke Strik, Tom Vandendriessche, Ann Widdecombe, Javier Zarzalejos	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Delara Burkhardt, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Beata Kempa, Ondřej Kovařík, Kris Peeters, Robert Roos, Miguel Urbán Crespo, Loránt Vincze, Petar Vitanov, Axel Voss, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Lukas Mandl	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

50	+
PPE	Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Lena Düpont, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Kris Peeters, Emil Radev, Paulo Rangel, Ralf Seekatz, Loránt Vincze, Axel Voss, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
S&D	Pietro Bartolo, Delara Burkhardt, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Petar Vitanov, Bettina Vollath, Elena Yoncheva
RENEW	Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Ondřej Kovařík, Maite Pagazaurtundúa, Michal Šimečka
VERTS/ALE	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Terry Reintke, Tineke Strik
ECR	Lucia Ďuriš Nicholsonová, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Nicola Procaccini
GUE/NGL	Konstantinos Arvanitis, Clare Daly, Cornelia Ernst, Miguel Urbán Crespo

5	-
ID	Nicolas Bay, Tom Vandendriessche
ECR	Robert Roos
NI	Kostas Papadakis, Ann Widdecombe

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni